MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2008

Citazzjoni Numru. 2267/1996/1

**John Polidano u b'digriet tal-Qorti tas-26 ta' Mejju 2003 il-gudizju gie trasfuz f'isem Paul Polidano u Claire Polidano wara l-mewt ta' John Polidano fid-19 ta' Frar 2002.**

**vs**

**Noel Grima bhala editur ta' "The Malta Business Weekly".**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici datata 28 ta' Gunju 1996 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo fejn gie premess:-

Illi fl-artikolu ntitolat "*Stolen Equipment Floods Malta – UK TV Station"* ippublikat f'pagna 1 ta' *"The Malta Business Weekly",* harga 83 datata 23-29 ta' Mejju 1996 (Dokument "A"), ta' liema harga l-konvenut kien editur, gew attribwiti fatti determinanti li huma foloz u malafamanti fil-konfront ta' l-attur bl-iskop li joffendu l-unur u l-fama tieghu jew li jesponuh ghad-disprezz tal-pubbliku u dan *a tenur* tal-**Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta**;

Illi l-artikolu jatribbwixxi atti illeciti, kriminali u mproprji lill-istanti li huwa fil-kummerc u li l-konvenut jaf jew bid-diligenza xierqa seta' jkun jaf li huma foloz u li x'aktarx ser jaghmlu hsara lin-negozju ta' l-istanti;

Illi l-attur bhala l-parti malafamata u offiza ghandu d-dritt ghad-danni kkontemplati fl-**artikoli 28 u 29 tal-Ligi ta' l-Istampa, Kap 248 tal-Ligijiet ta' Matla**.

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-artikolu *"Stolen equipment floods Malta – UK TV station"* li deher fil-harga ta' *"The Malta Business Weekly"*, Harga numru 83 datata 23-29 ta' Mejju 1996, huwa libelluz u malafamanti fil-konfront ta' l-attur u jofendi kemm l-unur u l-fama tieghu kif ukoll l-isem tan-negozju tieghu; u

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma li tiffissa l-istess Qorti f' ammont li ma jeccedix hamest elef lira Maltija (Lm5,000) (€11,646.87) bhala danni ghall-malafama b'applikazzjoni ta' l-**artikoli 28 u 29 tal-Ligi ta' l-Istampa, Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument esebit (Dok "A") a fol. 4 u 5 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo ghas-seduta tad-19 ta' Mejju 1997.

Rat li Noel Grima gie notifikat bic-citazzjoni u bl-avviz ta' smigh tal-kawza fil-21 ta' Frar 1997 kif jidher *a tergo* ta' fol. 7 u a fol. 8 tal-process; kif ukoll l-attur gie notifikat bl-avviz tas-smigh tal-kawza fl-24 ta' Frar 1997 (fol. 8).

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut datata 7 ta' Marzu 1997 a fol. 10 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez, u dan peress illi l-fatti attribwiti lill-attur fl-artikolu Dok. "A" huma fatti veri, kif jirrizulta minn programm li xxandar fuq it-televizjoni Ingliza li segwa l-*'iter'* kollu minn x'hin l-ingenju gie misruq fl-Ingilterra sa meta gie mdahhal f' Malta mill-attur. L-attur jaf b'dan il-programm televiziv Ingliz *stante* li huwa stess gie ntervistat matulu. B' danakollu, huwa kellu l-ispavalderija li jibda kawza ta' libell kontra *The Malta Business Weekly.*

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 11 u 12 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo tad-19 ta' Mejju 1997 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Chris Cilia ghall-konvenut. Peress li din il-kawza, hija kontestata, giet differita biex tinstema' quddiem l-Onor. Mhallef Frank G. Camilleri ghad-19 ta' Jannar 1998 ghall-provi ta' l-attrici.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G. Camilleri tad-19 ta' Jannar 1998 fejn xehed l-attur John Polidano minn jeddu; tad-29 ta' Mejju 1998 fejn xehdet Angelica Micallef Trigona prodotta mill-konvenut *nomine*; tal-20 ta' Jannar 1999 fejn xehed il-konvenut prodott mill-

attur. Il-kawza giet differita ghat-8 ta’ Ottubru 1999 ghall-kontinwazzjoni tal-provi tal-konvenut.

Rat in-nota tal-konvenuti datata 20 ta’ Jannar 1999 a fol. 32 tal-process li biha esebixxa *transcript* tal-filmat li fuqu gie bbazat l-artikolu in kwistjoni (Dok. “NG”)

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G. Camilleri tat-8 ta’ Ottubru 1999 fejn xehed minn jeddu l-konvenut; tat-3 ta’ Marzu 2000; tat-28 ta’ April 2000; u tat-23 ta’ Gunju 2000 fejn il-kawza giet differita ghad-29 ta’ Novembru 2000 biex tinstema’ quddiem din il-Qorti kif illum attwalment presjeduta.

Rat ir-rikors tal-konvenut datata 23 ta’ Mejju 2001 fol. 76 tal-process fejn l-esponent talab lill-Qorti joghgobha tordna li x-xhieda ta’ Roger Cook u taz-zewg membri ta’ “*The Cook Report*” imsemmija mill-attur, kif ukoll tar-rapprezentanti tal-Pulizija ta’ *Leeds* u tal-*Leeds Crown Court* u ta’ William *sive* Bob Harding, Kap tan-*National Plant Register* tinghata permezz ta’ ittra rogatorjali kif provdut fil-Kap 12.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif presjeduta tad-29 ta’ Novembru 2000; u tas-27 ta’ Frar 2001 fejn xehed l-Ispettur Paul Vassallo; tas-17 ta’ Mejju 2001 fejn rega’ xehed l-Ispettur Vassallo; tal-21 ta’ Gunju 2001; tat-2 ta’ Lulju 2001 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Joseph Zammit Maempel. Il-kawza giet posposta. Meta regghet issejhet il-kawza ma deher hadd. Inghata digriet. Il-Qorti rat ir-rikors tal-konvenut tat-23 ta’ Mejju 2001 u laqghet it-talba ghar-rigward tax-xhieda ndikati fil-paragrafi 1, 3, 5, 6 u 7, irriservat li tipprovdi dwar ix-xhieda ndikati fil-paragrafi 2 u 4 jekk tali xhieda jigu identifikati, u nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia biex jisma’ l-provi kollha tal-konvenut inkluz dawk permezz ta’ l-ittri rogatorji u halliet il-kawza biex l-Assistent Gudizzjarju jesplita l-inkarigu lilu moghti. Il-kawza giet differita ghat-12 ta’ Dicembru 2001; tat-12 ta’ Dicembru 2001; u tas-6 ta’ Marzu 2002 fejn il-kawza giet differita biex tinstema’

quddiem il-Qorti diversament presjeduta ghall-31 ta’ Mejju 2002.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia u x-xhieda quddiemu prodotta.

Rat l-avviz tal-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna tal-31 ta’ Mejju 2002 fejn il-kawza giet differita biex tinstema’ quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tat-8 ta’ Novembru 2002 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Zammit Maempel u nforma l-Qorti li miet John Polidano u jridu jigu legittimati l-atti. Dr. Tonio Azzopardi deher ghall-konvenut. Il-kawza giet differita ghall-11 ta’ Marzu 2003; tal-11 ta’ Marzu 2003 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr. J. Zammit Maempel u Dr. Kris Borg ghall-attur. Deher Dr. Tonio Azzopardi ghall-konvenut. Dr. Kris Borg informa l-Qorti li hemm kawza pendenti dwar min huma l-eredi ta’ John Polidano u obbliga ruhu li jaghmel il-proceduri relattivi ghat-trasfuzzjoni tal-gudizzju fil-konfront ta’ l-eredi li dwarhom m’ hemmx kontestazzjoni. Dr. Tonio Azzopardi nforma l-Qorti li l-konvenut jikkonsidra li jitlob li jitressqu provi permezz tal-procedura tar-rogatorji. Il-kawza giet differita ghat-13 ta’ Mejju 2003 ghal-legittimazzjoni ta’ l-atti; u tat-13 ta’ Mejju 2003 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Kris Borg ghall-attur, u *seduta stante* prezenta rikors ma certifikat tal-mewt u testment. Il-kawza giet differita ghat-28 ta’ Mejju 2003 ghal-legittimazzjni ta’ l-atti.

Rat ir-rikors ta’ Paul Polidano u Claire Polidano pprezentat *seduta stante* fis-seduta tat-13 ta’ Mejju 2003 a fol. 100 tal-process fejn l-esponenti Paul Polidano u Claire Polidano talbu lill-Qorti joghgobha tawtorizza t-trasfuzzjoni tal-gudizzju f’isimhom minflok dak tal-mejjet missierhom John Polidano.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tat-28 ta’ Mejju 2003 u tat-8 ta’ Ottubru 2003 fejn meta ssejhet il-kawza deher biss Dr. Kris Borg ghall-atturi. L-attur gie awtorizzat jipprezenta nota ta’ osservazzjonijiet fi zmien erbghin (40) gurnata bil-*visto* tal-kontro-parti li ghandha erbghin gurnata ohra ghar-risposta. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta’ Jannar 2004.

Rat ir-rikors tal-konvenut *nomine* datat 16 ta’ Ottubru 2003 a fol. 107 tal-process fejn talab lill-Qorti joghgobha tawtorizzah ikompli bil-produzzjoni tal-provi tieghu u konsegwentement tordna li l-istadju tal-prezentata tan-noti ta’ l-osservazzjonijiet ghandu jithalla ghal aktar ‘il quddiem wara li l-provi jkunu nghalqu, u allura tirrevoka ‘*contrario imperio*’ d-digriet li bih il-kawza giet differita ghas-sentenza u okkorrendo tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza; u l-Qorti, kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri, laqghet it-talba ghas-sospensjoni tal- prolazzjoni tas-sentenza, u rrikjamat il-kawza ghall-21 ta’ Novembru 2003 biex il-konvenut jiddikjara xi provi ghad fadallu jipprezenta; dan b’digriet moghti fit-22 ta’ Ottubru 2003 kif jidher a fol. 108 tal-process.

Rat in-nota tal-konvenut *nomine* esebita fis-16 ta’ Ottubru 2003 (fol. 109) li biha esebixxa *videotape*.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tat-30 ta’ Jannar 2004; tat-30 ta’ Marza 2004; u tas-6 ta’ April 2004 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Kris Borg ghall-attur u Dr. Tonio Azzopardi ghal konvenut. Dr. Azzopardi pprezenta d-domandi relattivi ghat-talba tieghu bis-smigh tal-proceduri tar-rogatorji. Dr. Borg oggezzjona ghad-domandi limitatament ghar-referenza ta’ Tony Smith. Il-kawza giet differita ghal provediment dwar it-talba tal-konvenuti ghall-25 ta’ Mejju 2004; u tal-25 ta’ Mejju 2004 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Tonio Azzopardi ghall-konvenut u Dr. Joseph Zammit Maempel u Dr. Kris Borg ghall-attur. Il-Qorti laqghet it-talba tal-

konvenut biex isiru r-rogatorji a spejjez provizorjament tal-konvenut, izda ordnat li jitnehhew mid-domandi r-referenza ghal Tony Smith li huwa rrilevanti ghall-kaz. In-naha attrici mpenjat ruhha li sas-seduta li kien imiss ikunu pprezentaw id-domandi taghhom. Il-kawza giet differita ghall-15 ta’ Gunju 2004 ghal dan l-iskop; il-verbal tal-15 ta’ Gunju 2004; tas-26 ta’ Ottubru 2004; ta’ l-10 ta’ Dicembru 2004; u tat-22 ta’ Frar 2005 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Kris Borg ghall-atturi u nforma l-Qorti li t-transazzjoni ma sehhitx. Il-Qorti, b’referenza ghad-digriet tal-25 ta’ Mejju 2004 ordnat lill-konvenut jipprezenta mistoqsijiet godda fit-termini ta’ l-istess digriet. Dr. Kris Bord ipprezenta l-lista tad-domandi ta’ l-atturi. Il-Qorti ordnat li l-konvenut ghandu jottempora ruhu ma’ l-imsemmi digriet mhux aktar tard minn hmistax-il gurnata (15) mid-data tal-verbal. Deher Dr. Tonio Azzopardi ghall-konvenuti. Il-kawza giet differita ghas-16 ta’ Marzu 2005 ghal dan l-iskop; u l-verbali tas-16 ta’ Marzu 2005; tas-26 ta’ April 2005; tas-17 ta’ Gunju 2005; u tat-8 ta’ Novembru 2005 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Kris Borg ghall-atturi u Dr. Tonio Azzopardi ghall-konvenuti u ddikjara li rrinuznja ghax-xhud residenti barra u talab li ghas-seduta li jmiss jipproduci lil Dr. Lawrence Pullicino u mpenja ruhu li jingungi x-xhud ghas-seduta li jmiss. Il-kawza giet differita ghall-24 ta’ Jannar 2006 ghax-xhieda ta’ Dr. Lawrence Pullicino.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta tal-24 ta’ Jannar 2006 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Kris Borg ghall-atturi u Dr. Tonio Azzopardi ghall-konvenut *nomine*. Dr. Tonio Azzopardi ddikjara li sa fejn jaf hu Dr. Pullicino hu l-ahhar xhud li fadallu. Il-Qorti nnominat lill-Assistenta Gudizzjarja Dr. Josette Demicoli biex tiffissa seduta biex jitharrek dan ix-xhud u jsir il-kontro-ezami tieghu. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghas-27 ta’ Gunju 2006; u tas-27 Gunju 2006; tas-7 ta’ Dicembru 2006; tas-7 ta’ Marzu 2007; tal-10 ta’ Mejju 2007; tat-23 ta’ Ottubru 2007 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Tonio Azzopardi ghall-konvenut Noel Grima li talab li jipprezenta nota ta’ osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u Dr. Azzopardi pprezenta l-istess nota *seduta stante*, b’dan li kellu

jinnotifika lill-kontro-parti jew lid-difensuri taghhom li jkollhom erbghin (40) jum ghan-nota responsiva. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghat-28 ta' Frar 2008. Aktar tard deher Dr. Joseph Zammit Maempel li ha konjizzjoni ta' dan il-verbal.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut Noel Grima bhala editur ta' *The Malta Business Weekly* prezentata *seduta stante* fis-seduta tat-23 ta' Ottubru 2007 (fol. 143).

Rat in-nota ta' sottomissjonjiet ta' l-atturi Paul u Claire Polidano datata 7 ta' Novembru 2007.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi l-principji applikabbli f'materja ta' libelli gew stabiliti f'diversi sentenzi, anke dawk moghtija min din il-Qorti kif presjeduta fosthom **"Marin Hili vs Felix Agius"** (P.A. (RCP) - 3 ta' Dicembru 1998 Citaz. Numru 1767/97/RCP), **"Ernest Tonna vs Felix Agius"** (P.A. (RCP) - 21 ta' April 1999 - Citaz. Numru 1755/97/RCP) **u "Onor. Joseph Debono Grech vs Joseph Zahra"** (P.A. (RCP) - 1 ta' Lulju 1999 - Citaz. Numru 1739/98/RCP), **u "Rev. Joseph Borg vs Felix Agius"** (P.A. (RCP – 14 ta' Ottubru 1999 - Citaz. Numru 1840/97/RPC). Din il-Qorti taghmel referenza ghall-istess sentenzi u tadotta in pjen il-principji hemm ennuncjati.

Illi fost wiehed mill-iktar importanti huwa l-bilanc li jrid jinzamm bejn *"il-bzonn li s-socjeta' demokratika jithalla spazju sufficjenti ghall-liberta' li wiehed jikkrittika u li jsemmi l-opinjoni u l-gudizzju tieghu, mal-bzonn l-iehor, xejn anqas mehtieg, tad-difiza tar-reputazzjoni, l-unur, l-isem tajjeb, li kull persuna f'socjeta` demokratika ghandha kull dritt li jgawdi"* **("Vincent Borg vs Victor Camilleri et."** - A.C. 15 ta' Novembru 1994. – Vol. LXXVIII.II.I.372.).

Illi fid-dawl tal-premess, u s-sentenzi fuq citati, jirrizulta li daqs kemm hija mehtiega l-liberta' tal-espressjoni, hekk ukoll hija essenzjali u huwa ukoll dritt inalljenabbli, li wiehed jipprotegi l-fama tieghu, bil-mezzi legali kollha disponibbli.

Illi kulhadd huwa liberu sabiex jaghti l-opinjoni tieghu u anke jaghti l-gudizzju tieghu, pero` tali espressjoni ma ghandha qatt twassal sabiex jigu attribwiti atti lil xi persuna, b'mod li jattakkaw ir-reputazzjoni tal-istess u l-fama tieghu, meta tali atti lanqas ikunu veri.

Illi fil-fatt fis-sentenza **"Onor. Charles Buhagiar vs Ray Bugeja"** intqal (P.A. (N.A) 19 ta' Jannar 1996.) li:-

*"Il-linja medjana fejn proprio d-dritt ta' espressjoni libera taccedi dak ragonevoli u ghandha tigi punita, ghax issir minflok ksur tad-drittijiet ta' haddiehor; huwa proprio … ... fejn l-espressjoni tigi bbazata fuq fatti skorretti*".

Illi f'dan il-kuntest id-differenza bejn *"allegazzjoni ta' fatt"* u *"comment"* hija wahda llum stabbilita fil-giurisprudenza taghna.

*"F'materja ta' ingurja bl-istampa ghandha ssir distinzjoni bejn "allegation of fact" u dak li huwa "comment". Biex tirnexxi d-difiza tal-verita' tal-konvicju, l-fatt ghandu jigi ppruvat. Il-'comment' biex ikun gustifikat irid ikun "fair and bona fide", u ma jistax ikun "fair u bona fide" jekk il-fatt attribit lill-kwerelant ma jkunx veru"* **(Reginald Miller vs Harold Scory-** Vol. XXXVI.IV.843.).

Illi ghalhekk ma tistax tirnexxi l-eccezzjoni tal-*fair comment*, *"jekk ma jigux ippruvati sodisfacentament, il-fatti addebitati lill-kwerelant, u ma tistax tirnexxi d-difiza tal-'justification' u jekk il-fatti ma jkunux veri, lanqas jista' jkun hemm 'fair comment'* (**Anglu Camilleri vs Anthony Zammit-** Vol.XI.IV.1195.; **"Dr. Joseph M. Ciappara vs Joseph Zammit"** P.A. **(**JSP) Citaz. 929/90/JSP - 3 ta' Ottubru 1991.)

Illi sabiex isir dan l-ezami wiehed irid jiehu l-kliem fis-sens normali u ordinarju taghhom, u dan ifisser "*in the meaning which reasonable or ordinary men of ordinary intelligence, with the ordinary man's general knowledge and experience of world affairs, would be likely to understand them",* dan jista' jinkludi *"any implication or inference which a reasonable reader guided not by any special but only general knowledge and not fettered by any strict legal rules of construction would draw from the word*".**("Jones vs Skelton"** (1963) W.L.R. pg. 1371. (P.C.).

Illi fil-fatt ricentement inghad ukoll li anke jekk l-allegazzjoni ma tkunx giet espressament miktuba, izda mill-assjem tal-artikolu johrog car x'ikun qed jigi manifestament implikat, hemm kawza ta' libell, jekk tali allegazzjonijiet ma jigux ippruvati**.("Onor. Seg. Parlamentari Dr. Joseph Fenech vs Evarist Bartolo nomine"** - A.C. 8 ta' Gunju 1999.)

Illi dan jista' jsir ukoll pero` permezz ta' "***innuendo"*** li fil-kawza "**G. Strickland vs Goffredo Chretien"** (A.C. 12 ta' Frar 1937 – Vol. XXIX.I.859.) giet imfissra hekk:-

*"Il-kelma 'innuendo' tfisser is-sens li l-persuna ingurjata tirrevaka mill-kitba inkriminata u li hija trid li tigi milqugha mill-gudikant".*

Fil-kawza **"Il-Pulizija vs. Joseph Olivier u Munroe".** (XXXIII.IV.824.) inghad illi:-

*"F'materja ta' ingurja permezz ta' l-istampa l-ingurja tista' tirrizulta permezz ta' 'innuendo'. L-'innuendo' jista' jkun ta' zewg xorta jigifieri:*

(a) *dak li permezz tieghu tigi identifikata l-persuna li ma tkunx issemiet b'isimha, u*

(b) *dak li permezz tieghu jigi stabbilit is-sens tal-kliem ritenut ingurjuz mill-persuna li tippretendi li giet ingurjata".*

Illi *inoltre*` sabiex wiehed jasal biex jaghmel dan l-ezami jekk artikolu huwiex libelluz jew le wiehed *"ghandu jhares mhux biss il-bran denunzjat, imma l-artikolu kollu kemm hu li jikkontjeni tali bran. U f'din il-materja hu elimentari li wiehed jikkonsidra mhux dak li seta' talvolta kellhu f'rashu min kiteb l-artikolu, imma dak li fil-fatt kiteb, ghaliex dak li jaqra l-qarrej"* **(Domenic Mintoff vs Thomas Hedley et.** P.A. (H) 28 ta' Novembru 1953).

Illi huwa sintomatiku f'dan ir-rigward li jigi nnotat dak li ntqal fis-sentenza **"Anglu Fenech *proprio et nomine* vs Carmelo Callus"** (A.C. 4 ta' Frar 2000) fejn inghad li fid-dawl tal-**Artikoli 41 tal-Kostituzzjoni u 10 tal-Konvenzjoni Ewropea tal-Bniedem,** fejn **bl-Att XIV tal-1987, illum Kap 319,** partijiet sostanzjali tal-istess Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem saru parti mill-Ordinament Malti, b'dan li mhux biss tali artikolu sar parti mil-ligi Maltija, izda ukoll il-Qrati taghna jridu jiehdu l-konsiderazzjoni l-gurisprudenza tal-istess Qorti Ewropea tad-Drittijiet Umani, *stante* li llum hemm access ukoll ghall-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Umani, u dan in omagg ukoll tal-**Artikolu 47 (7)** li stabbilixxa s-supremazija tal-Ligi Kostituzzjoni f'dawk li huma l-**artikoli 33 sal-45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.**

Illi fil-kawza **"Mons. Anton Gauci vs Michael Schiavone et"** (A.C. 8 ta' Novembru 1995) intqal illi meta l-ingurja hija diretta kontra persuna fizika, *"l-margini ta' tollerenza twessa', u mhux kull kumment qawwi u anki azzardat jikkwalifika bhala ingurja", "dan li l-Qorti ghandha tippermetti l'attitudini fil-kritika li tista' tkun mhux biss iebsa izda wkoll azzardata entro l-limiti accettati tad-dicenza permessibbli f'socjeta' demokratika", u* tali regoli ghandhom jigu applikati b'iktar wiesgha f'kazijiet li lejha hija ndirizzata tali kritika tkun ta' certa' notorjeta' pubblika',

l-kritika tkun ta' nteress pubbliku, u fejn il-kritika tkun ibbazata fuq u mibnija madwar fatti li jkunu sostanzjalment veri.

Illi l-kawza attrici saret fuq artikolu li kien hemm fil-gazzetta "The Malta Business Weekly" Harga Numru 53 tat-23 – 29 ta' Mejju 1996 intitolat fil-*front page "Stolen equipment floods Malta"* fejn inghad li f'programm fuq it-televizjoni Ingliza intitolat *The Cooke Report* kien allegat li kien qed isir serq ta' makkinarju uzat fl-industrija tal-bini fl-Ingilterra, liema makkinarju jinghad li kien isib ruhu f'diversi pajjizi hemm identifikati fosthom Malta. Jinghad li l-Pulizija Ingliza fil-fatt giet hawn Malta u traccjat f'dak li jiswew eluf ta' liri f'valur ta' makkinarju ta' dan it-tip. Jinghad li f'dan il-programm issemma l-attur Joseph Polidano deskritt bhala *"owner of a scrap yard and a garage"*, tant li gie trasmess fl-istess programm televiziv li huwa gie nterrogat minn persuni li jaghmlu ntervisti ghall-istess programm, li pprezentaw ruhhom mieghu bhala persuna li riedu jaghmlu negozju mieghu. Fl-istess artikolu inghad li:-

*"The programme also said that Polidano had been accused, after police investigations, in English courts of receiving a large number of stolen goods from the UK. It mentioned a case in Leeds court and alleged that 70 items were received from a British ex-convict".*

*"Posing as people interested in making a deal, the interviewees asked Polidano in the film, "Do you ever receive stolen goods?" Polidano denied ever having done so and said he never knowingly did so".*

*"The programme continued by saying that in the court case mentioned, he asked his insurance to pay for the return of the 70 items back to the UK. But the insurance agency refused to do so. A voice-over at this point said that the machinery is still in Malta".*

*"The programme also said that Polidano was freed from accusations against him in the British Court. But it continued he has powerful friends in Malta. It alleged that*

*within an hour of interviewing him, the programme team was threatened by police of being sent to jail "for having the temerity" as the programme put it, of daring to suggest that Polidano or Malta itself could be implicated in these fraudulent deals"…..*

Illi l-istess artikolu jkompli jiddeskrivi kif l-istess programm televiziv fl-Ingilterra wera kemm huwa facli li thaddem l-istess magni, li jittiehdu minn fuq il-post, u wara li jsir bdil tac-*chassis number*, u ssir il-fabbrikazzjoni ta' *log book gdid,* u jinzebghu mill-gdid, dawn jitghabbew fuq *trailer* u jittiehdu fid-destinazzjoni taghhom ghaliex kull ma' jigi ccekjat mid-dwana fl-Ingilterra kien biss il-piz tat-*trailer*. Jinghad li tali tip ta' makkinarju *"is sold for anything from stg 48,000 to stg 70,000 per new machinery in the UK. It is then sold in Malta for a much higher price, considering the need for similar machines there is here".*

Illi l-attur fix-xhieda tieghu sostna li huwa kellu negozju kemm f'ismu u kemm f'isem is-socjeta' J. Polidano Plant Hire Limited li fost affarijiet tbiegh vetturi u ngenji *second hand* u jkoll tikri l-istess tip ta' ingenji bhal *bulldozers* u gafef. Qal li kien intervistat minn *troupe* ta' *television* Ingliz dwar is-suggett ta' l-istess artikolu fil-gazzetta, intervista li kienet saret Malta u ma kenitx dehret fl-Ingilterra, li fil-fatt ma kienet intervista xejn peress li kien avvicinat sabiex jixtri zewg gafef li kienu Malta d-Dwana. Ghalkemm huwa jghid li ma kienx interressat huma baqghu jinsistu mieghu biex imur jarahom u li kellu jehodhom ghaliex ma kenux sejrin jehduhom lura ghaliex kienu misruqin. Meta ra hekk l-attur jghid li qalilhom biex isegwuh u hadhom ghand il-Pulizija u qal b'dan kollu lill-Ispettur Alexandra Mamo, u din ghamlet l-investigazzjonijiet taghha fejn skoprew li fil-fatt dawn it-tnejn minn nies kienu qed jaghmlu programm *"The Cook Report".* Qal b'dan lill-avukat tieghu li ltaqa' maghhom u kellhom jaghmlu dikjarazzjoni.

Illi l-attur issostni li huwa qatt ma kellu ebda kaz il-Qorti fl-Ingilterra u li allura qatt ma gie lliberat minn ebda akkuza; ma kienx minnu lanqas li huwa talab lill-assikurazzjoni tieghu sabiex thallas ghal 70 oggett jew vetturi fl-Ingilterra. Lanqas jghid li huwa minnu li huwa qabbad lill-Pulizija

sabiex jagixxu kif inghad fl-istess artikolu. Jghid li huwa qatt ma accetta li jaghti xi ntervista, izda rrizulta li kienu qed jirrekordjawh u jiffilmjawh bil-mohbi kif huma ammettew mal-Ispettur Alexandra Farrugia, u dan permezz ta' *video camera* li kellhom fl-*attache case*. Jichad li qatt gab makkinarju mill-Ingilterra li kien misruq jew ammetta u qal xi diskors bhal dan ma dawn in-nies jew haddiehor.

Illi min-naha tal-konvenut dan isostni li dan ir-rapport sar wara li Angelica Micallef Trigona li kienet tahdem ta' *Assistant Editor* mal-gazzetta ndikata kienet rat fuq *National TV* fl-Ingilterra programm li hija tindika bhala investigattiv fil-21 ta' Mejju 1996 fis-sensiela *"The Cook Report"* . Dan il-programm kien jismu *The Gold Diggers* u wera kif ingenji bhal dawn kienu qed jinsterqu mill-Ingilterra u jingiebu f'postijiet ohra nkluz Malta. Kien hemm partijiet li saru Malta fosthom intervista ma' l-attur fejn kien inghad lilu li huwa kien ircieva kwantita' mhux hazin ta' materjal li kien misruq, li l-attur innega li kien jaf b'dan izda skond  hija il-*voice over* jew ir-ragel li ghamel l-intervista qal li l-Qrati Inglizi kienu sabu lil attur hati li rcieva ngenji misruqin mill-Ingilterra. Jidher li din ix-xhud informat b'dan lill-editur tal-gazzetta lokali u halliet l-affarijiet f'idejh. Qatt ma kellmet lill-attur u kien wara li giet Malta u li gie ppubblikat l-istess artikolu fil-gazetta lokali li hija gabet kopja ta' l-istess filmat tal-programm televiziv. Il-konvenut jghid li huwa ghamel l-artikolu a bazi tan-notamenti mghoddija lilu mill-istess persuna u wara l-pubblikazzjoni rcieva minghand Angelica Micallef Trigona *video* ta' dan il-programm u jghid li ma kienx hemm diskrepanzi bejn dak li kien hemm fil-programm u dak li gie minnu ippubblikat.

Illi mit-*transcript* ta' l-istess programm li fuqu sar l-istess artikolu u dan esebit bhala Dok. "NG" jirrizulta li saru allegazzjonijiet serji li kien hemm serq ta' diversi ngenji mill-Ingilterra li hija parti mill-istess ingenji kienu qed isibu ruhhom Malta, tant li nghad li tant ingabu ngenji Malta li jekk igibu izjed Malta teghreq (fol. 39). Dwar l-attur jinghad li ghandu *scrap yard* u *garage* Malta u li ssemma f'diversi kawzi fl-Ingilterra li huwa rcieva kwantita' kbira ta' dawn it-

tip ta’ ingenji misruqa. Jinghad li ghall-ewwel huwa kien lest li jara l-JCB li dawk li ghamlu l-programm gabu maghhom hawn Malta, izda jinghad li wara biddel il-hsieb. Jinghad li huwa nnega li qatt ordna jew ircieva oggetti misruqa, izda jinghad li *“as we are to learn he has powerful friends on the island”.* Hemm parti minn intervista fejn l-attur jinnega li huwa qatt ircieva oggetti misruqa, u jinghad li wara l-intervista *“the Cook Report team is suddenly summoned to the Police Headquarters. There we’re threatened with jail for having the temerity to suggest either Mr. Polidano or indeed Malta itself had anything to do with the stolen plant. Perhaps they didn’t know that Mr. Polidano was implicated in a recent court case in Leeds. He was said to have received almost 70 pieces of stolen plant in a 3 year period from a convicted criminal in Britian….”*

Illi dwar dan il-konvenut xehed li huwa jista’ jaghmel il-prova ta’ dak li hemm allegat fl-istess artikolu fil-konfront ta’ l-attur (8 ta’ Ottubru 1999 – fol 46).

Illi mix-xhieda ta’ l-Ispettur Paul Vassallo giet esebita lista ta’ vetturi li gew importati mill-attur mis-sena 1994 sas-sena 2000 u anke fejn jirrizulta li diversi ingenji gew investigati mill-i*Stolen Vehicles Squad*, pero’ ma jirrizultax li dawn taw ezitu posittiv tant li nghad li l-attur qatt ma gie akkuzat u wisq inqas ikkundannat Malta b’xi reat relattat u mir-ricerki li ghamel lanqas kien hemm ebda kundanni fl-Ingilterra u fil-fatt id-dokument PV jikkonferma dan. Jinghad li l-istess Spettur meta mistoqsi fuq dak li deher l-intervista dwar kaz imsemmi (fol. 71) li allegatament sehh fis-sena 1993, huwa sostna li ma kien jaf xejn dwar dan.

Illi l-Ispettur Alexandra Mamo xehdet li kienet investigat lill-attur dwar ingenji li kien igib minn barra u taf li l-attur kien tela’ jixhed l-Ingilterra fi proceduri kontra persuni ta’ nazzjonalita’ Ingliza – u taf li nvestigaturi Inglizi kienu gew Malta dwar van abjad u zewg rombli ta’ kulur safrani li gie allegat li nsterqu mill-Ingilterra, u l-attur qal li ma kienx jaf li dawn kienu misruqa u tela’ jixhed l-Ingilterra flimkien ma certu Sur Micallef tad-Dwana.

Illi minn dawn il-provi prodotti jirrizulta li ghalkemm huwa minnu li l-artikolu nkriminanti fil-gazzetta ndikata kien ibbazzat fuq il-programm televiziv li sar fl-Ingilterra fejn saru diversi akkuzi kontra l-attur John Polidano fis-sens li dan kien involut f’negozju ta’ xiri ta’ ingenji misruqa mill-Ingilterra, tant li nghad huwa ssemma’ f’dan il-kuntest f’kazijiet specifici fl-Ingilterra, u fil-fatt jinghad li huwa gie intervistat hawn Malta dwar l-istess, izda il-persuni li kienu qed jaghmlu tali ntervisti gew mhedda mill-Pulizija b’azzjoni legali u dan ghaliex l-attur kellu dak li l-artikolu jsejjah bhala *“...powerful friends on the island”,* dak li gie prezentat bhala fatt fl-istess programm televiziv Ingliz u rripetut fl-istess artikolu gurnalistiku, ma gie bl-ebda mod ippruvat, b’dan li l-konvenut bl-ebda mod ma pprova li l-attur John Polidano kien involut f’xiri ta’ makkinarju misruq mir-Renju Unit, u wisq anqas li ttiehdu proceduri kriminali kontra tieghu fl-Ingilterra dwar dak li gie deskritt bhala ricettazzjoni ta’ *“a large number of stolen goods from the UK”.* Dan qed jinghad ghalkemm il-konvenut eccepixxa li huwa kien lest li jipprova l-verita’ tal-fatti u b’hekk ma hemm l-ebda dubju li anke b’tali difiza l-istess konvenut assuma r-responsabbilta’ tal-malafama (**artikolu 11 tal-Kap 248)** fis-sens li l-fatti allegati huma malafamanti u li huwa assuma l-oneru ta’ prova ta’ l-istess.

Illi din il-Qorti thoss li mill-ezami tal-provi kollha li tressqu f’din il-kawza l-allegazzjonijiet li saru fil-konfront tal-attur ma gew bl-ebda mod ippruvati u dan jinkludu l-allegazzjonijiet serji li l-istess attur kien involut fix-xiri u akkwisti ta’ makkinarju misruq u li huwa kien jaf li kien misruq fl-Ingilterra; li huwa laqa’ ghandu tali ngenji misruqa b’mod regolari; u li huwa kien akkuzat u imsemmi fuq tali akkuzi f’kazijiet kriminali fl-Ingilterra; u li huwa ghandu nies b’sahhithom li lesti li jipprotteguh hawn Malta, tant li nghad li meta kien allegatament intervistat Malta mill-istess persuni li ghamlu dan il-programm fuq it-telivzjoni Ingliza, l-Pulizija Maltija heddithom li tarrestahom.

Illi jidher li l-konvenut qed jibbaza d-difiza tieghu fuq il-premessa li kull ma ghamel huwa kien biss li rrapporta dak li sehh fil-programm televiziv imsemmi (Dok. “NG” –

fol. 33) tant li jghid li *"huwa kellu kull dritt li fil-harga tal-gazzetta li taghha kien l-Editur jippubblika taghrif dwar il-programm televiziv li ntwera lil tant miljuni ta' telespettaturi dwar l-agir li jhammeg l-isem ta' Malta".*

Illi pero' dan mhux biss imur kontra dak provdut fl-**artikolu 24 tal-Kap 248** fejn jinghad li *"Ebda wahda mill-persuni msemmija fl-artikolu qabel dan ma tista' tipprova, b'difiza taghha, li l-kitba hija kopja, jew estratt, jew sommarju, jew traduzzjoni ta' kitba ohra li diga giet stampata jew ippubblikata xort'ohra".*

Illi f'dan il-kaz jidher li l-konvenut bl-ebda mod ma vverifika li l-kontenut ta' l-istess programm u allura l-kontenut ta' l-artikolu tieghu huma bbazati fuq fatti, izda jidher li dak li kien jinteressah biss kien biss il-programm innifsu u dan kien imxandar. Izda dak li huwa malafamanti fl-istess programm huwa u jibqa' malafamanti fl-artikolu riportat ibbazat fuq l-istess trasmissjoni, ghaliex il-fatti allegati fl-istess programm ma gewx ippruvati fil-konfront ta' l-attur, u r-reportazzjoni tal-kontenut tal-programm jew brani minnu, u anke x-xandir b'dan il-mod ta' l-istess programm fil-gazzetta ndikata, bl-ebda mod ma tista' taggevola lill-konvenut, ghaliex anke f'dan il-kaz ma saret ebda prova tal-fatti – anzi jidher li l-istess konvenut, kemm meta semgha bl-istess programm u wara li ra l-kontenut ta' l-istess programm – ma ghamel u lanqas prova jivverifika l-fatti hemm allegati – hlief li sar l-istess programm.

Illi izda dan bl-ebda mod ma jista' jiggustifika l-agir tal-konvenut peress li kif citat fil-kawza **"Il-Pulizija vs Revendu Dr. Joseph Bezzina u Joseph Debono"** (A.K. (VGD) – 26 ta' April 2002) kif jinghad fil-**"Gatley on Libel and Slander"** (1981):-

*"Every republication of a libel, and each publisher is answerable for his act to the same extent as if the calumny originated with him"* (pagna 261).

*"....it is no defence to an action for slander that the defendant did not originate the slander, but published it by way of repetition or hearsay only. As great an injury may*

*accrue from the wrongful repetition as from the first publication of a slander...."*

Illi l-konvenut isostni wkoll li "*gazzetti ghandhom mhux biss id-dritt izda wkoll id-dmir li jghaddu taghrif dwar kull materja ta' interess pubbliku",* izda dan bl-ebda mod ma jfisser li wiehed jista' jghid li jrid fuq haddiehor li ma hijiex il-verita' u la ma jistax wiehed jattribwixxi fuq haddiehor fatti li ma jirrizultawx tant li kif inghad fis-sentenza **"Reynolds vs Times Newspapers Limited and others"** (*House of Lords* – 28 ta' Ottubru 1999):-

*"The liberty to communicate (and receive) information has a similar place in a free society but it is important always to remember that it is the communication of information not misinformation which is the subject of this liberty. There is no human right to disseminate information that is not true. No public interest is served by publishing or communicating misinformation. The working of a democratic society depends on the members of that society being informed not misinformed. Misleading people and the purveying of facts statements which are not true is destructive of the democratic society and should not form no part of such a society. There is no duty to publish what is not true; there is no interest in being misinformed".*

Illi ghalkemm ma hemm ebda dubju li l-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali (inkorporata fil-Kap 319 tal-ligi ta' Malta) skond l-artikolu 10 ta' l-istess tiggarantixxi l-liberta' ta' l-espressjoni, liema dritt jinkludi l-liberta' li wiehed ikollu opinjonijiet u li jircievi u jaghti nformazzjoni u ideat minghajr indhil mill-istat, izda l-istess artikolu jaghmilha cara li l-ezercizzju ta' dawn il-libertajiet igib mieghu wkoll dmirijiet u responsabbiltajiet, u ghalhekk hemm ir-restrizzjoni, mehtiega f'socjeta' demokratika ghall "protezzjoni tar-reputazzjoni jew drittijiet ta' haddiehor", b'dan ghalhekk li wiehed irid isib il-bilanc gust bejn il-liberta' ta' espressjoni u d-dritt ta' persuna li ma tigix malafamata. Dak li ghalhekk l-istess dritt fundamentali jipprotegi huwa fl-ahhar mill-ahhar id-dritt ta' wiehed

jippubblika fatti veri fuq persuni fil-hajja pubblika jew dwar materja ta' interess pubbliku u min jesprimi opinjonijiet jew *value judgements* ibbazati fuq fatti u dan ghaliex mill-verita' tal-fatti johorgu l-espressjonijiet li huma fl-interess pubbliku u mhux b'motiv difamatorju u f'dan is-sens huma s-sentenzi ta' l-*European Court of Human Rights* (ECHR) u dan fis-sentenzi **"Lingens v. Austria"** ( 8 ta' Lulju 1986); **"Oberschlick v. Austria"** (1 ta' Lulju 1997) u **"Thorgeir Thorgeirson v. Iceland"** (23 ta' Settembru 1994). Fihom fil-fatt saret distinzjoni bejn pubblikazzjoni ta' fatti u *value judgements*, b'dan li gie identifikat li *"the existence of facts can be demonstrated, whereas the truth of value-judgements is not susceptible of proof",* u ghalhekk d-dritt ta' espressjoni bl-ebda mod ma jista' jinghad li b'xi mod iwassal sabiex persuna tigi attwibwita b'allegazzjonijiet li ma humiex mibnija fuq il-fatt u l-verita'.

Illi f'dan il-kaz ghandna persuna, li ma hijiex persuna pubblika, li giet indikata bhala persuna li kkomettiet diversi reati konsistenti li xtrat kwantita' ta' makkinarju li kienet taf li kienu misruqa mill-Ingilterra, tant li giet imsemmija f'dan il-kuntest fi proceduri kriminali nglizi, u anke akkuzata bl-istess reati, u wkoll inghad li kienet hawn Malta protetta minn persuni influwenti, liema allegazzjonijiet ma gew bl-ebda mod ippruvati f'din il-kawza, u kull ma kien ippruvat kien biss li sar programm televiziv Ingliz li ressaq l-istess vantazzjonijet, prova li certament ma tnaqqas xejn mill-posizzjoni, li fl-ahhar mill-ahhar dak li kien hemm fil-programm televiziv u dak li minnu gie rrapportat fl-artikolu gurnalistiku, ma gie bl-ebda mod ippruvat, u l-kontenut rilevanti ghal din il-kawza kien malafamanti ghall-attur.

Illi fil-fatt dan huwa konsistenti ma dak li nghad fis-sentenza **"Raymond Fenech vs Frans Ghirxi et"** (P.A. (GV) – 28 ta' Jannar 2004) fejn inghad li ghal dak li huwa dritt ta' kronaka dan ghandu jigi bbilancjat mad-dritt ta' privattezza tal-persuna, b'dan li biex jissussiti tali dritt irid ikun hemm (1) l-interess pubbliku oggettiv biex isir jaf bl-ahbar; (2) il-fatt li jigi rapportat ikun vera, cjoe' jikkorrispondi mar-realta'; u li (3) l-esposizzjoni narrattiva tal-fatt tkun oggettiva u *fair.* Certament li f'dan il-kaz dawn l-elementi ma jezistux ghaliex l-atti kollha attribwiti lill-attur

bl-ebda mod ma gew ippruvati. Tal-istess portata huma s-sentenzi **"Anthony Degiovanni et vs Mark Lombardo"** (P.A. (PS) – 24 ta' Novembru 2003) u tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza **"Dr. Joseph M. Pirotta vs Joseph Grima et"** (30 ta' Novembru 2007).

Illi l-konvenut ghamel riferenzi ghall-diversi sentenzi fejn qed jghid li l-istess iddeffinew ir-rwol ta' stampa hielsa li tirrapporta dak li huwa ta' interess pubbliku, izda dan huwa dejjem fil-kuntest li wiehed ikun qed jimxi fuq il-verita' u fuq il-fatti, b'dan li hadd ma ghandu d-dritt li jaghti informazzjoni dwar xi hadd li dwarha ma hemm ebda prova ta' fatt ghaliex dak li huwa ta' interess pubbliku huwa li wiehed ikun jaf il-verita' u mhux insinwazzjonijiet li jaffettwaw serjament ir-reputazzjoni u dritt ta' persuna **"Daphne  Caruana Galizia vs Joseph Muscat et"** (P.A. (AJM) – 8 ta' April 2002). Fil-kaz **"Avukat Dr. Henry Antonich L.P. LL.D et vs Jeffrey Bezzina et"** (A.C. – 25 ta' Mejju 2001) l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell iddefendiet il-gurnalizmu nvestigattiv meta naturalment dan huwa mibni fuq fatti – fatti li f'dak il-kaz lanqas biss gew ikkontestati – u ghalhekk dan huwa ferm differenti mill-kaz odjern, meta dak li gie pprezentat bhala fatt – f'dak li huwa is-suppost agir tal-attur – ma hemm ebda prova tieghu.

Illi ghalhekk a bazi tal-premess l-azzjoni attrici tirrizulta li hija ppruvata u ghalhekk gustifikata, u ssib li l-artikolu ndikat huwa malafamanti u libelluz fil-konfront tal-attur, ghaliex inaqqaslu r-reputazzjoni tieghu u jesponuh ghad-disprezz u ghar-redikolu tal-pubbliku.

Illi ghall-fini tal-iffissar tad-danni l-**Artikolu 28 (1) tal-Kap 248** ihalli diskrezzjoni wiesgha u fic-cirkostanzi tal-kaz, u minhabba l-gravita' tal-allegazzjonijiet serjissimi kontenuti fl-istess artikolu, tenut kont li tali allegazzjonijiet saru fil-konfront tal-attur, direttament indikat, u li tali hija persuna privata, l-Qorti tillikwida u tiffissa d-danni fl-ammont ta' elf sitt mija u tletin Ewro u tmienja u hamsin centezmu (€1630.58) ekwivalenti ghal seba' mitt lira Maltija (Lm700).

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-artikolu "*Stolen equipment floods Malta – UK TV station*" li deher fil-harga ta' "The Malta Business Weekly", Harga numru 83 datata 23-29 ta' Mejju 1996, huwa libelluz u malafamanti fil-konfront ta' l-attur u jofendi kemm l-unur u l-fama tieghu kif ukoll l-isem tan-negozju tieghu; u

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma ta' elf sitt mija u tletin Ewro u tmienja u hamsin centezmu (€1,630.58) ekwivalenti ghal seba' mitt lira Maltija (Lm700) bhala danni ghall-malafama b'applikazzjoni ta' l-**artikoli 28 u 29 tal-Ligi ta' l-Istampa, Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------